MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 832/2001/1

Raymond Borg

Vs

Polidano Brothers Limited

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-14 ta' Mejju 2001 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta li bhala impjegat tas-socjeta' konvenuta garrab korriment fit-12 ta' Mejju 1999 waqt il-qadi ta' dmirijietu fuq il-post tax-xoghol; illi ghall-incident li fih korra l-attur hi imputabbli s-socjeta' konvenuta u dana minhabba imperizja, nuqqas ta' skansar u tal-prekawzjonijiet rikjesti mill-ligi da parte tal-istess socjeta' konvenuta; illi b'rizultat ta' dan l-incident l-attur sofra danni b'rizultat tal-griehi personali sofferti rizultanti f'debilita' permanenti; illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata ufficjalment biex taghmel tajjeb ghad-danni hekk subiti mill-istanti izda cio nonostante baqghet inadempjenti; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara u tiddecidi li s-socjeta' konvenuta kienet fi htija ghall-incident li gara kif fuq inghad fit-12 ta' Mejju 1999, f'liema incident l-attur korra u sofra griehi personali li hallewh debilitat;
2. tillikwida d-danni kagunati b'rizultat tal-incident imsemmi, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;
3. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma hekk likwidata in linea ta' danni.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Jannar 2001 kontra s-socjeta' konvenuta ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-attur.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta presentata fil-15 ta' Gunju 2001 li permezz taghha eccepiet:-
1. illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghall-incident de quo mhix responsabbli s-socjeta' eccipjenti izda huwa responsabbli l-attur innifsu;
2. illi l-attur ma sofriex id-danni lamentati.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-2 ta'Lulju 2001 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-21 ta' Novembru 2001 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat il-verbal ta'l-udenza tal-21 ta' Novembru 2001 meta l-partijiet qablu li ssir referenza ghall-provi prodotti fil-kawza 2678/99 GCD ceduta fl-24 ta' Mejju 2001, liema process gie allegat kopja tieghu.
Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Frar 2002 meta gie mahtur bhala espert mediku il-Kirurgu Charles Swain u ir-rapport tieghu mahluf fl-udjenza tal-20 ta' Marzu 2002.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tar-rizultanzi tal-access mizmuma fuq il-post tal-incident fil-presenza tal-partijiet.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-12 ta' Gunju 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza gahs-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

It-talba attrici tikkoncerna incident li sehh waqt il-hinijiet tax-xoghol ta' l-attur mas-socjeta' konvenuta. L-attur huwa impjegat bhala carne operator fis-sezzjoni tal-manifattura tal-planki fl-impjant tas-socjeta' konvenuta f'Hal Farrug Road, Luqa. Ilu jzomm din il-kariga ghal madwar hdax il-sena u renomat bhala bniedem ta' esperjenza kbira f'dan il-qasam tax-xoghol.

Il-fabbrika tas-socjeta' konvenuta tikkonsisti f''shed' ta' proporzjonijiet enormi billi twila madwar hames mitt pid. Ma l-art, it-tul kollu ta' din is-shed, hemm 'rails' paralleli li jiehdu l-concrete bil-*pre-stressed wires* li eventwalment jinxfu u jiehdu l-forma tal-planki normalment uzati ghall-kostruzzjoni. Mal-gnub tal-hitan tal-istess shed, fuq kull naha u it-tul kollu tieghu, hemm rails li jzommu "*overhead crane*" li tigi operata mill-impjegati tas-socjeta' konvenuta, bhal ma hu l-attur, u din timxi mat-tul kollu tas-shed u tigri ukoll laterlament biex b'hekk tilhaq id-diversi sezzjonijiet tal-planki li jkollhom bzon tqandil wara li jinqataw f'sezzjonijiet differenti skond l-ezigenzi tax-xoghol. L-"*overhead crane*" huwa operat minn mutur li jopera "*pulley*" li da parti tieghu jzomm "*imqass*" jew "*caliper*" kbir tal-hadid mastizz li jintuza biex jaqbad il-bicciet tal-planki u wara li jissussahom dawn jstriehu fuq serratizzi tal-injam biex wara jerga jintrefghu u jitpoggew fuq it-trukkijiet.

Waqt l-operazzjoni hekk kif l-imqass jkun qed jitnizzel ghal-livell tal-planka dan jkun mizmum maghluq b'ganc appozitu. L-imqass imbghad jitnizzel sal-livell tal-art fejn l-estremitajiet tieghu jistriehu fuq rail ta' cirka 6 pulzieri (li jinsab il-barra mil-*mould* tal-planki) u dan il-ganc jitnehha biex b'hekk meta l-istess imqass jerga jingibed il-fuq, bit-toqol tieghu stess jinghalaq u jghafas kontra il-gemb tal-planka li b'hekk tigi issussata l-fuq u titkompla l-operazzjoni fuq deskritta.

L-incident tat-12 ta' Mejju 1999 sehh ghal habta ta' xi 3.00 p.m. waqt l-operazzjoni tat-tqandil tal-planki. Normalment kollox jimxi sew biss f'din l-okkazzjoni waqt li l-imqas ossia "caliper" qed jerga jitnizzel biex jistrieh fuq ir-rail biex jipoggielu l-ganc, u dana wara li kienet gia giet issussata estremita' tal-planka u sserhet fuq is-serratiz, t-tarf tal-imqass fuq in-naha ta' l-attur qabzet ir-rail u giet tistrieh fuq sieq l-attur li kien wieqaf hdejn ir-rail bil-"*controls"* tal-crane f'idejh. Billi dan l-imqass huwa tqil hafna itghafgu is-swaba tas-sieq il-leminija ta' l-attur minkejja li dan kien liebes "*safety shoes*".

Wara l-incident l-attur ittiehed l-isptar minn impjegat iehor tas-socjeta' konvenut fejn baqa' ghal zmien twil u damm zmien ma jirritorna ghax-xoghol. Bhala rizultat huwa tilef sebghu il-kbir tas-siequ il-leminija minhabba li zviluppa "*gangrine*" u kiser ukoll swaba ohra. Illum l-attur huwa dizabilitat fi grad ta' ghaxra fil-mija (10%) bhala rizultat dirett ta' dan l-incident.

Ikkunsidrat:

Ma hemmx dubbju li l-incident in kwistjoni sehh waqt il-hinijiet tax-xoghol u ghalhekk din il-Qorti ghandha quddiemha talba ghall-kumpens taht il-kuncett ta' "*Employer's liability.*" Huwa risaput li kull minn jimpjega persuna jrid jassikura li l-post tax-xoghol kif ukoll is-sistema ta' l-operazzjoni jkunu tali li ma jipprezentawx perikolu ghall-impjegat. Dawn huma l-hekk imsejha "*safe place of work*" u "*safe system of work*".

Minn dak li osservat din il-Qorti waqt l-access jidher li l-impjant tas-socjeta' konvenuta huwa wiehed immexxi fuq sistemi moderni bil-facilitajiet kollha li huma rikjest mit-tip ta' xoghol zvolt fil-fakkrika tas-socjeta' Polidano Brothers. B'dana kollu x-xoghol fih innifsu jippresenta perikolu serju ghall-impjegati billi dawn joperaw "*heavy machinery*" li jekk jinqala incident il-konsegwenzi tieghu jkunu ta' bilfors serji.

Is-socjeta' konvenuta qedha teccepixxi li fl-ewwel lok hija mhux responsabbli ghall-akkadut billi ghal dan kien jahti l-attur stess. Fit-tieni lok qed jigi eccepit li l-attur ma sofriex d-danni lamentati.

**Dwar responsabbilita'.**

Huwa minnu li waqt ix-xoghol l-attur kien provdut kemm b'*helmet* kif ukoll b'*safety shoes.* Il-helmet mhux relevanti ghal kaz billi fl-incident l-attur sofra griehi f'siequ. Biss minn dak li gara u l-griehi li sofra l-attur bhala rizultat jidher li anke l-istess *safety shoes* ma kellhom ebda effett biex l-incident jigi evitat. Dan billi, kif gja inghad, l-appart uzat huwa tqil hafna u l-ebda *safety shoe* mhux ser jilqa' ghal dak it-toqol tal-'imqas' li strah fuq sieq l-attur.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur kien impjegat b'esperjenza kbira f'din it-tip ta' operazjoni. Kien ilu jaghmel dan ix-xoghol il-fuq minn ghaxar snin. L-operazzjoni fiha nfisha, kif deskritta mill-attur waqt l-access u anke fix-xhieda tieghu fil-kawza li saret referenza ghaliha fl-atti, ma tidhirx li kienet wahda barra min-normal u l-attur kien qieghed jezegwixxi l-operazzjoni kif suppost. F'dan is-sens wiehed ma jistax jitfa xi responsabbilita' fuq l-attur. Issemma f'dan ir-rigward li l-attur kien vicin wisq ta' fejn kienet qed issir l-operazzjoni b'mod li meta qabez l-imqass, haga mhux solita, sieq l-attur kienet vicin tar-rail u b'hekk giet mghafga. Jigi osservat izda li l-istess foreman tas-socjeta' konvenuta sostna li ma kienx hemm alternattiva ghal dan billi waqt l-operazzjoni l-*operator* bilfors jrid javvicina l-imqass ghax dan jista' jdurlu u l-impjegat jrid jirradrizzah biex jinzel tajjeb fuq il-planka. Ghalhekk f'dan is-sens jidher li l-attur ma naqasx fid-dmirijiet tieghu.

Il-posizzjoni tas-socjeta' konvenuta mhux daqshekk cara. Infatti kif gja inghad l-ambjent fejn jahdem l-attur ghandu perikoli inerenti minhabba t-tip ta' xoghol li jsir hemm. Issa rrizulta li li r-rail ta' ma gemb il-"*mould*" fejn jitpogga l-concrete biex jsiru l-planki, xi drabi jkun mimli jew biz-zrar jew bl-istess concrete li jaqa mil-bajla waqt l-operazzjoni. Dan il-materjal ixejjen l-iskop li ghalih gie istallat ir-rail billi

ma jibqax dak ix-xifer tant mehtieg biex jzomm l-istess imqass meta dan jigi biex jistrieh fuqu waqt l-operazzjoni. Infatti dan il-materjal ossia concrete fir-rail gie ukoll konstatat minn din il-Qorti waqt l-access. Huwa minnu li l-istess attur ma setghax, waqt ix-xhieda, jghid jekk dak inhar tal-incident kienx hemm materjal jew le fir-rail, izda wiehed ma jistenniex li wara dak li gralu l-attur dan seta' joqghod josserva d-dettalji billi huwa hassu hazin. Mil-banda l-ohra l-estremita' tal-imqass tista' biss taqbez ir-rail kemm-il darba ix-xifer tieghu jkun miksi bil-materjal. L-attur huwa operator tal-*overhead crane* u ma jidhirx li hija r-responsabbilta' tieghu li jferra l-concrete fil-*moulds.* Ghalhekk hija r-responsabbilta' tas-socjeta' konvenuta, tramite impjegati ohra, li tara li dawn ir-rails jkunu nodfa biex jservu l-iskop intenzjonat. Jidher li s-socjeta' konvenuta naqset milli taghmel dan u ghalhekk hija responsabbli ghall-akkadut billi ma pprovdietx "*a safe place of work.*"

**Danni.**

Mir-rapport tal-espert mediku jirrizulta li wara l-incident, fl-Isptar San Luqa fejn ittiehed l-attur irrizulta li dan kellu:-

a) lacerazzjoni circumferenzjali fil-bazi tas-seba l-kbir tar-rigel tal-lemin. Wahda mill-ghadam ta' dan is-seba kienet miksura f'kemm il-bicca.

b) Lacerazzjoni fil-wicc tal-bazi tat-tieni u t-tielet seba ta' l-istess rigel. Il-'proximal phalanx' tat-tieni u t-tielet seba kienu wkoll miksura.

Wara l-intervent kirurgiku intizz biex jirmedja ghall-fratturi l-attur kellu jissottometti ghall-intervent kirurgiku iehor fejn tnehha s-seba l-kbir billi dan beda jiswied. L-attur intbghad id-dar fil-25 ta' Mejju 1999 u wara attenda bhala "out-patient" u fid-9 ta' Awissu 1999 gie dikjarat li l-feriti fiequ.

In konkluzzjoni Dr. Charles Swain qal hekk "*Raymond Bord wegga' waqt ix-xoghol fit-12 ta' Marzu, 1999. Tilef parti kbira mis-seba tar-rigel tal-lemin u kiser it-tieni u t-tielet seba tal-istess sieq. Il-fratturi ta' dawn iz-zewg swaba fiequ imma hallew xi ftit diformita u nuqqas ta' moviment fihom. Borg ghandu dizabilita' permanenti u*

*rriversibbli ta' 10% bhala rizultat dirett ta' dan l-incident."* Ta' minn josserva li f'certifika mediku rilaxxat mill-kirurgu ortopediku Mr Raymond Gatt li kien jikkura lill-attur wara l-incident, id-dizabilita' permanenti giet stabbilita' fil-grad ta' 18%. Din il-Qorti izda hija marbuta mar-rapport mediku tal-espert imqabbad minnha billi dak ta' Mr Gatt huwa *ex parte* u fil-konfront tal-espert mediku mqabbad mill-qorti ma kien hemm ebda oggezzjoni ghar-rizultanzi tieghu.

L-attur illum ghandu 36 sena u fid-data tal-incident kellu cirka 33 sena u jirrizulta li fis-sena 1998, cioe is-sena ta' qabel l-incident huwa kellu ntroitu mill-impieg tieghu ta' LM3384.54, filwaqt li fis-sena 2001 u cioe l-ewwel sena shiha li hadem mas-socjeta' konvenuta wara l-incident (billi jirrizulta li dam sena barra mix-xoghol) l-introitu tieghu kien ta' LM4124.39. Dan juri li f'temp ta' tlett snin s-salarju ta' l-attur tela' b'cirka LM740.

In vista ta' dan s-socjeta' konvenuta qed teccepixxi li l-attur ma sofriex danni. Fil-verita' l-attur ma ressaqx prova li kien hemm xi telf ta' paga waqt li damm boghod mix-xoghol u wiehed ghandu jassumi li skond l-regolamenti vigenti, l-attur thallas s-salarju tieghu bhal qabel matul dan il-perjodu. Jidher ukoll li bhala rizultat tal-incident l-attur ma sofra ebda telf fl-introitu tieghu - anzi ghal kuntrarju jidher li dan, ghalkemm, skond l-espert tal-Qorti "*dan qed jaghmel xoghol inqas iebes minn qabel l-incident*" l-income tieghu mis-socjeta' konvenuta zdied.
Minn dan forsi wiehed jista' jiggustifika l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta. Izda hija l-prassi kostanti ta' dawn il-Qrati li tinghata interpretazzjoni aktar favorevoli lejn id-danneggat tal-artikolu 1045 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi jigi likwidat favur d-danneggat kumpens ghat-telf ta' qliegh futur a bazi tad-dizabilita' ta' dak li jkun. Dan fuq it-taghlim ta' Buttler vs Heard li introduciet is-sistema tal-"*multiplier*" li tirregola l-mod kif dawn id-danni jigu komputati.

L-attur fid-data tal-incident kellu tlieta u tlettin sena u ghalhekk huwa xieraq li d-danni futuri, tenut kont tal-incertezzi tal-hajja, jigu komputati fuq perjodu ta' hmistax il-sena. L-introitu tieghu kien ta' cirka LM4000 li tenut kont

tal-element tal-inflazzjoni fuq firxa ta'hmistax il-sena ghandom jizdiedu ghal LM5000. Ghalhekk fuq il-bazi tad-dizabilita stabbilita ta' 10% d-danni totali ta' l-attur qedin jigu likwidati fis-somma komplessiva ta' LM7500. Minn din is-somma trid titnaqqas percentagg minhabba li l-ammont qed jigi likwidat u dikjarat dovut bhala "lump sum" biex b'hekk l-ammont dovut lill-attur jilhaq is-somma ta' LM6000.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara li l-incident fuq imsemmi sehh minhabba nuqqasijiet tas-socjeta' konvenuta, tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' LM6,000 u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas dan l-ammont lill-attur bl-ispejjes tal-kawza.

Onor Imhallef Albert J. Magri